TRIBUNAL INDUSTRIJALI

(Decizjoni Numru 1407)

Kaz Nru 1694

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Malta Union of Bank Employees

(M.U.B.E)

u

A.P.S. Bank Limited

Dwar : Gharfien tas-Sur Paul Borg

Bhala Manger ma' APS Bank Ltd.

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD (UK)

Membri : IS-Sur Charles Magro u s-Sur Michael J. Mallia

Illum hmistax (15) ta' April, 2003.

INTRODUZZJONI

Din it-Tilwima tax-Xoghol giet referita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Agent Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 19 ta' Awissu, 2002, b'riferenza MSP/2/97/62 – 869/02 skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 27 tal-kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta u skond il-provvedimenti l-ohrjan fejn japplikaw ta' l-istess Att.

L-APS Bank Limited li minn issa tidher bhala l-Kumpanija kienet rapprezentata mis-Sinjuri E. Cachia u S. Micallef li kienu assistiti mill-avukat R. Camilleri. Il-Malta Union of Bank Employees (M.U.B.E.) li minn issa tidher bhala l-Union kienet

rapprezentata mis-Sinjuri W.Portelli, P. Camilleri u P. Bugeja li kienu assistiti mill-Avukat K. Mifsud Bonnici.

DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAZ

Il-Union fl-istqarrija tal-kaz taghha qalet li hija tirraprezenta lill Paul Borg li huwa impjegat fil-grad ta' Senior Manager mal-APS Bank Ltd. Hija tkompli tghid fl'istqarrija tal-kaz taghha li mis-sena 1996, il-bank kien ta' zidiet lill-impjegati l-ohra fil-grad ta' Paul Borg izda irrifjutat li tghati zidiet lilhu kif ukoll irrifjutat li taghtih il-'qualifications allowances' skond il-Ftehim Kollettiv. Ghaldaqstant, Paul Borg kien issottometta li l-Bank intimat ghandu jaghtih : (a) l-allowance maghrufa bhala MIMS ghall-kwalifiki li huwa ghandu; u (b) iz-zidiet u l-arretrati moghtija mill-Bank lill-impjegati l-ohra fil-grad manigerjali kull sena.

Il-Union kompliet tghid, li billi l-"Grievaces Board" li beda jiehu konjizzjoni mill-ilmenti ta' Paul Borg baqa' ma wasalx ghal konkluzzjoni, il-Union tablet li t-tilwima tittiehd quddiem id-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali ghal konciljazzjoni izda, is-socjeta ma accettatx li ssir din il-laqgha u invista ta' dan l-Union talbet lill-Ministru responsabbli biex jirreferi t-tilwima lit-Tribunal Industrijali.

Il-Union ghalqet l-istqarrija tal-kaz taghha fejn iddikjarat li qeghda ssostni li l-Bank wera diskriminazzjoni ma Paul Borg f'din il-kwistjoni, u ma osservax il-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv tal-impjegati tal-Bank kif imfissra hawn fuq.

Il-Kumpanija fid-dikjarazzjoni tal-kaz qalet li fl-ewwel lok, dawn il-proceduri huma nulli ghaliex l-ismijiet tal-partijiet li huma indikati fl-avviz tat-Tribunal tas-17 ta' Settembru 2002, huma zbaljati fis-sens li l-isem tal-Bank huwa APS Bank Ltd u mhux kif indikat fl-imsemmi avviz u inoltre ma jezistu ebda terms of remit la fl-imsemmi avviz kif ukoll fl-ittra tal-Union tad-9 ta' Awissu 2002 anness mal-istess avviz. Il-Kumpanija tkompli tghid fl'istqarrija tal-kaz taghha, li it-Tribunal Industrijali m'ghandux jiehu konjizzjoni tal-kaz ghaliex ma tezisti l-ebda tilwima bejn il-bank u

il-Union 'dwar gharfien tas-Sur Paul Borg bhala manager mal-bank kif indikat fl-imsemmi avviz tat-Tribunal Industrija tas-17 ta' Settembru 2002, u zgur ma ttiehdu l-ebda passi mill-Ministru responsabli sond l-artiklu 22 tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghaldaqstant, il-Ministru qatt ma seta' jirreferi dan il-kaz lit-Tribunal skond l-artiklu 27 tal-istess Kap 266. Is-socjeta tkompli tghid, illi fit-tielet lok il-'grievance' tas-Sur Borg dwar zieda fis-salarju tieghu kif jidher mill-ittra tal-Union tad-9 ta' Awissu 2002, ma hemm l-ebda tilwima f'dan ir-rigward u ghaldaqstant il-Ministru qatt ma seta' jirreferi dan il-kaz lit-Tribunal skond l-artiklu 27 tal-istess Kap. 266 u anke jekk ghal grazza tal-argument tezisti xi kwistjoni, it-Tribunal fi kwalunkew kaz ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kaz ghaliex din il-materja kienet ghadha qed tigi ittratta mill-"Grievance Board" imwaqqaf skond il-ftehim kollettiv. Is-socjeta tkompli tghid li kuntrarju ghal dak li qed jigi allegat fl-ittra tal-Union tad-9 ta' Awissu, il-"Grievance Board" pprsjedut mill-Magistrat Micallef Trigona ma giex disbanded izda rrizenja l-membru mahtur mill-Union. Il-membru mahtur mill-Union effettivament irrezenja ghar-ragunijiet assolutament differenti minn dawk imsemmija fl-ittra tal-Union. Il-Kumpanija tkompli tghid li sa llum ic-Chairman tal-"Grievance Board" u il-Bank ghadhom qed jistennew li l-Union tinnomina persuna ohra bhala membru tal-"Grievance Board" minflok il-persuna li irrezenjat.

ECCEZZJONIJIET PRELIMINARI

It-Tribunal Industrijali beda biex jittratta l-eccezzjonijiet preliminari kif gew sottomessi mill-Avukat R. Camilleri ghan-nom tal-Kumpanija. Rigward l-ewwel eccezzjoni il-partijiet stqarrew li ma kienux qed joggezzjonaw li ssir korrezzjoni fl'Okkju tal-kaz u jigi mibdul fis-sens li wara l-kliem APS Bank tizdied il-kelma Limited.

It-Tribunal Industrijali ezamina fid-dettal it-tieni eccezzjoni preliminari mressqa mill-Kumpanija u f'dan il-kuntest ezamina fid-dettal Artiklu 2 ta' l-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali fejn jghid li " tilwima ta' xoghol" tfisser tilwima bejn

principali u haddiema, jew bejn haddiema u haddiema, li jkollha x'taqsam ma xi wahda jew aktar mill-hwejjeg li gejjin:

a) pattijiet u kondizzjonijiet ta' impieg, jew il-kondizzjonijiet fizici li tahthom xi haddiema jkunu mehtiega jahdmu;
b) thaddim jew nuqqas ta' thaddim, jew it-tmiem jew is-sospensjoni ta' impieg jew ta' dmirijiet ta' impieg, ta' haddiem wiehed jew aktar;
c) allokazzjoni ta' xoghol jew ta' dmirijet ta' l-impieg bejn il-haddiema jew gruppi ta' haddiema;
d) hwejjeg ta' dixxiplina;
e) facilitajiet ghal ufficjali ta' trade unions;
f) makkinarju ghal negozjati jew konsultazzjonijiet, u proceduri ohra, dwar xi wahda mill-hwejjeg imsemmija qabel, maghdud ir-rikonoxximent minn principali jew assocjazzjonijiet ta' principali tad-dritt ta' trade union li tirrapprezenta haddiema f'xi negozjati jew konsultazzjonijiet bhal dawk jew fit-twettiq ta' dawk il-proceduri;

Fil-kunsiderazzjonijiet li qed jaghmel it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li dak li qed jigi riferut fil-plural fl'Att citat dwar t-tifsira ta' Tilwima ta' Xoghol bejn principali u haddiema, ghandu wkoll japplika fis-singular u ghaldaqstant Tilwima ta' xoghol ghanda wkoll tkopri dawk il-kazi fejn ikun hemm tilwima ta' xoghol bejn principal u haddiem.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li fil-kaz inkwestjoni il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' Paul Borg huma regolati b'kuntratt ta' xoghol individwali, izda li wkoll ikopri kondizzjonijiet ta' impieg ta' natura generali kif regolati bi ftehim kollettiv bejn l-APS Bank Ltd u l-MUBE, difatti fil-kaz inkwestjoni l-imsemmi haddiem ghamel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu bl'assistenza tal-Union quddiem bord li l-kompozizzjoni tieghu hi maqbula bejn il-Bank u l-Union skond il-"Grievance Procedure" ta' l-istess Ftehim Kollettiv. It-Tribunal Industrijali jikkonsidra wkoll li l-kaz inkwestjoni jirrigwardja il-kondizzjonijiet ta' impieg dwar hlasijiet ta' allowances u zidiet fil-pagi u ghaldaqstant tirrigwardja artiklu tnejn klawsola (a) ta' l-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali. Invista tar-ragunijiet imsemmija hawn fuq it-Tribunal Industrijali

jiddeciedi li tezisti tilwima ta' xoghol bejn APS Bank Limited u l-M.U.B.E. u ghaldaqstant jichad din l-eccezzjoni prelimanrji kif imressqa mill-Kumpanija.

It-Tribunal Industrijali ezamina wkoll it-tielet eccezzjoni preliminarji kif imressqa mill-Kumpanija u f'dan ir-rigward jikkunsidra li l-kaz inkwestjoni ilu jigi ttratt ghal dawn l-ahhar hames snin. It-Tribunal Industrijali jifhem, li l-ghan principali tal-klawsola "Grievance Procedure" ghandha l-ghan ewlieni principali li l-ilmenti jithaffu u jigu ittratti mill-aktar fiss possibbli u ta' maljar, infatti id-dahla tal-"Grievance Procedure" tghid "It is the intention of both parties to this agreement to establish the means for the prompt disposal and amicable settlement of grievances". Mic-cirkostanzi li ezamina it-Tribunal Industrijali jidher car li dan l-ghan ma giex milhuq u prova ta' dan huwa li dan l-ilment minghajr ma wasal ghal ebda konkluzzjoni ilu jigi itrattat ghal dawn l-ahhar hames snin. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li jichad din l-eccezzjoni preliminarji tal-Kumpanija u jkompli jiehu konjizzjoni tal-kaz.

Harold Walls
Chairman

Charles Magro
Membru

Michael J. Mallia
Membru